# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 337/2019/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Joseph Sultana**

Illum l-erbgħa (4) ta' Lulju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant **Joseph Sultana**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 720057(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fix-xahar ta' Frar 2011 ġewwa Triq Blanche Huber, Sliema:

1. Bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, kontra l-liġi, daħal fil-fond 6 Triq Blanche Huber, Sliema li kien fil-pussess esklussiv tal-kwerelanti. Volontarjament sgassa l-entratura

tal-istess fond, ħareġ l-immobbli u l-għamara li kien hemm fl-imsemmi fond u biddel is-serratura u mbarra l-aċċess u b'hekk spussessa lill-kwerelanti mill-pussess esklussiv illi hija kienet tgawdi ta' l-istess fond bl-għamara ġewwa fih sa dak il-jum.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-4 ta' Diċembru 2019 fejn il-Qorti, wara li rat Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjoni dedotta kontrih u kkundannatu jħallas multa ta' mitt Euro (€100).

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fit-12 ta' Diċembru 2019 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"tirrevoka s-sentenza appellata tal-4 ta' Diċembru 2019 in kwantu sabet lill-appellant ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni u ħtija."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tat-18 ta' Mejju 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi qabel il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjoni tagħha dwar l-appell imressaq mill-appellant tinnota li jkun opportun li l-

ewwel tagħmel riferenza għal dak li jirriżulta fl-atti proċesswali u li wassal lill-appellant jiġi mixli quddiem l-Ewwel Qorti.

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta, fost l-oħrajn, is-segwenti:

- Kwerela datata 21 ta' Marzu 2021 (*a fol.* 40) fejn il-kwerelanti Dottor Michelle Tabone bħala Ekonomu ta' Monsinjur Arċisqof, Amministratur ta' Beni Ekkleżjastiċi Djoċesani kollha f'Malta għan-nom u fl-interess tad-Dar tal-Providenza kif ukoll bħala prokuratriċi għan-nom ta' l-Opri Ponteficì Missjunjarji u ta' l-Ordni Karmelitan f'Malta talbet li jittieħdu passi kriminali kontra l-appellant allura imputat.

- **Patri Guido Micallef** (*a fol.* 60 *et seq.*) xehed li l-post in kwistjoni f'tas-Sliema kien ta' mara li kienet tgħidlu biex jekk ma jarahiex il-Knisja jmur jara x'ġara. Jgħid li hi kienet ħallietlu ċ-ċwievet u darba mar jiftaħ u sabha fl-art u ċemplu għall-ambulanza. Jgħid li dan ġara bejn wieħed u ieħor fis-sena 2003. Jixhed li mbagħad din il-mara mietet u l-post kien f'idejn id-dar tal-Providenza li huma l-eżekuturi tat-testment. Jgħid li l-eredi huma l-Arċidjoċesi u huma l-patrijiet tal-Balluta. Jispjega li fl-aħħar ġimgħa ta' Frar 2011 permezz ta' telefonata sar jaf li kien hemm żewġt irġiel li sgassaw il-bieb u daħlu ġewwa fil-fond in kwistjoni. Jgħid li huwa kien ċempel lill-Pulizija u hu ma kienx ra lil dawn iż-żewġt irġiel. In <u>kontro-eżami</u> qal li qatt ma kien ra t-testment iżda straħ fuq il-kliem ta' patri anzjan.

- Il-**Perit Ramon Gauci** (*a fol.* 65 *et seq.*) jgħid li qabel l-1 ta' Marzu 2011 kien intbagħat mill-Kurja fil-fond in kwistjoni biex jagħmel *valuation* tiegħu u pjanta. Jgħid li ma setax jidħol fil-fond għax il-*lock* kien inbidel. Jgħid li ċ-ċavetta kien tahielu Ray Bonnici li kien *property manager* tal-Kurja. Jingħad li serratura antika kienet imblukkata b'biċċa injama. Jgħid li nforma lill-Kurja li ma setax jagħmel ir-rapport għax ma setax jidħol. Id-dokument li kien għamel lill-Kurja jinsab immarkat bħala Dok. "RG" (*a fol.* 31 *et seq.*). Jgħid li kien żgur li kien

mar darbtejn fuq il-post u li t-tieni darba kien hemm il-*handyman* tal-Kurja. Jgħid li meta ma setgħux jidħlu, mar l-Għassa tal-Pulizija flimkien ma' Dr. Michelle Tabone. Jgħid li kien ikkonkluda li xi ħadd kien bagħbas il-bieb u li ma kienx jaf min kien għamel hekk. Fil-kontro-eżami qal li ma kien qed jagħraf l-ebda persuna li kien hemm madwaru fl-awla.

- L-i**Spettur Jesmond Micallef** (*a fol.* 76 *et seq.*) ikkonferma l-kwerela u jgħid li kien ta struzzjonijiet lill-iSpettur Brian Camilleri (li kien Surġent) u li mbagħad kien inħarġu ċ-*charges* kontra l-appellant.

- **Dr. Michelle Tabone** (*a fol.* 78 *et seq.*) qalet li hi għandha l-kariga ta' Ekonomu mal-Monsinjur Arċisqof. Tgħid li l-eredi ta' min kien jirresjedi fil-proprjeta' in kwistjoni għandu parti sostanzjali mis-sehem tad-dar (aktar minn nofs sehem indiviż) u ħalliet bħala eredi lid-Dar tal-Providenza li huma amministrati mill-Arċidjoċesi. Tgħid li kien Patri Guido li għadda ċ-ċwievet lid-Dar tal-Providenza li kellha l-pussess u tispjega li l-Patri kien ċempel lid-Dar tal-Providenza dwar l-isgass. Tixhed li kien mar il-perit tagħhom u li filgħaxija marret l-Għassa tal-Pulizija miegħu sabiex isir ir-rapport. Hija kkonfermat il-kwerela. Tgħid li kienu ndikaw lill-appellant għaliex minn informazzjoni li ġabru kienu waslu għal konklużjoni li kien hu li għamel l-isgass.

- L-i**Spettur Brian Camilleri** (*a fol.* 83 *et seq.*) xehed li hu kien mexa mal-istruzzjonijiet. Meta ħares fl-awla, huwa ma għarafx lill-appellant. Jgħid li kien bagħat għall-appellant li qallu li għal nofs Frar kien mar ma' Joe u Carmel Bonello li jiġu minnu biex juruh fejn qegħda l-proprjeta' konċernata. Jgħid li l-appellant kien qallu li waqt li kien preżenti hu, *locksmith* li kien ġie kkuntattjat mis-sinjuri Bonello kien biddel is-serratura tal-bieb iżda li hu fl-ebda ħin ma bagħbas xi ħaġa jew għamel xi ħsarat. Jgħid li l-appellant qallu li huwa kien qed jaġixxi bħala *caretaker* tas-sinjuri Bonello għaliex dawn kienu jgħixu l-Amerka. Fil-kontro-eżami qal li kienu

għaddew disa' snin u l-każ ma kienx jiftakru. Jgħid li kien bagħat għall-appellant għaliex kien issemma fil-kwerela.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu, l-appellant jgħid li fi Frar 2011 il-Pulizija sabu tnejn minn nies fuq il-post in kwistjoni li stqarrew li dik kienet id-dar tagħhom u li kienu ser jibdlu s-serratura. Jgħid li l-post kien sgassat minn ċerti Bonello u li hu (l-appellant) ma kellu x'jaqsam xejn. Jisħaq li ħadd mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni ma identifikah bħala l-persuna li wettaq xi reat spoljattiv.

Illi fl-aggravju mressaq mill-appellant huwa jilmenta li s-sejbien ta' ħtija tiegħu ma jissodisfax ir-rekwiżit essenzjali tal-oneru tal-prova fil-kamp penali. Jgħid li l-Ewwel Qorti kellha prova li l-att spoljattiv sar mill-persuni magħrufa bħala Bonello u li ma nġiebet ebda prova li hu wettaq xi wieħed mill-elementi mertu tal-prova. Jgħid li hu lanqas biss kien preżenti għall-ftuħ tal-bieb u ma ħax mobbli jew għamara. Jargumenta li l-provi fil-proċeduri kriminali jridu jaslu sal-grad ta' 'l hemm minn kull dubju raġonevoli. Imbagħad jgħaddi sabiex jagħmel riferenza għall-elementi tar-reat ta' *ragion fattasi*. Jgħid li ma jirriżulta ebda att estern da parti tiegħu u li lanqas ma tressqet prova tal-*mens rea*. Jagħlaq billi jgħid li minħabba dawn ir-raġunijiet kollha huwa kellu jkun liberat minn kull imputazzjoni u ħtija.

**Ikkunsidrat**

Illi din il-Qorti tinnota li r-rwol tagħha huwa dak li tara jekk l-Ewwel Qorti setgħetx raġonevolment u legalment tasal għad-deċiżjoni li waslet għaliha. L-appellant jilmenta li ma kellhiex tinstab ħtija fih fir-rigward tar-reat maħsub f'Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u ċioè dak ir-reat hekk magħruf bħala *ragion fattasi*. Hekk kif ġie stabbilit minn ġurisprudenza kopjuża, l-elementi ta' dan ir-reat huma s-segwenti:

- att estern li jimpedixxi persuna oħra minn dritt li hija tgawdi u li jkun sar bid-dissens espliċitu jew impliċitu ta' dik il-persuna;
- l-imputat irid jemmen li qed jaġixxi bi dritt;
- ix-xjenza tal-imputat li qed jieħu b'idejh dak li suppost jieħu tramite l-proċess legali;
- li l-att ma jinkwadrax ruħu f'reat aktar gravi.

*In oltre*, ir-reat ma jissussistix meta l-att materjali jikkonsisti fir-ritenzjoni ta' pussess li dak li jkun diġà kellu.[1]

**Ikkunsidrat**

Illi din il-Qorti qieset l-atti proċesswali kollha, inkluż id-depożizzjonijiet tax-xhieda li xehdu quddiem din il-Qorti diversament preseduta. Minn dan kollu din il-Qorti jirriżultalha li ħadd ma ra lill-appellant jagħmel l-isgass u lanqas ma tirriżulta xi prova oħra ċirkostanzjali li twassal unikovalment għalih. Biżżejjed wieħed jgħid li l-iSpettur Brian Camilleri fetaħ il-każ kontra l-appellant għaliex dawk kienu l-istruzzjonijiet. Imbagħad mix-xiehda ta' Dr. Michelle Tabone jirriżulta biss li waslu għal dik il-konklużjoni minn dak li semgħu. Mix-xiehda tal-perit jirriżulta bla dubju li sar l-isgass iżda ma hemm ebda indikazzjoni ta' min għamel dan l-isgass. L-istess jista' jingħad għax-xiehda mogħtija minn Patri Guido Micallef li rċieva telefonata li kien għaddej sgass u li ċempel lill-Pulizija.

Illi dan kollu jfisser li fl-atti proċesswali ma hemm ebda prova diretta jew indiretta li torbot l-isgass mal-appellant u b'hekk din il-

[1] **Il-Pulizija vs. Anthony Zahra** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) kif ippreseduta mill-Imħallef Lawrence Quintano u datata l-20 ta' Ġunju 2014. Ara wkoll fost oħrajn **Il-Pulizija vs. Mario Bezzina**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) kif ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u datata 26 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs. Michael Lungaro**, deċiza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) kif ippreseduta mill-Imħallef Joe Galea Debono u datata l-15 ta' Mejju 2003 u **Il-Pulizija vs. Eileen Said** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) ppreseduta mill-Imħallef Joe Galea Debono u datata d-19 ta' Ġunju 2002.

Qorti ser tilqa' l-aggravju tal-appellant u għaldaqstant ser tiddikjara lill-appellant mhux ħati tal-imputazzjoni addebitata fil-konfront tiegħu.

Illi fl-aħħar nett din il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax kif kawża bħal din damet aktar minn għaxar snin biex tiġi konkluża. Mhux ta' min japplawdi kif tmexxiet din il-kawża li ma kellhiex xi diffikulta' partikolari biex tiġi deċiża. Biss biss l-ewwel seduta quddiem l-Ewwel Qorti nżammet fid-9 ta' Diċembru 2013 u l-ewwel darba li sar xi ħaġa b'mod effettiv quddiemha kien fis-27 ta' Marzu 2019 (aktar minn ħames snin!) b'dan illi s-sentenza ġiet mogħtija mill-Ewwel Qorti fl-4 ta' Diċembru 2019. Imbagħad il-kawża damet pendenti fi stadju ta' appell minn Diċembru 2019 sallum! <u>Dan mhux aċċettabbli</u>.

Illi, apparti minn dak li ngħad hawn fuq, mill-atti proċesswali jirriżulta li numru ta' xhieda xehdu quddiem l-Ewwel Qorti (inkluż l-appellant allura imputat) u li dawn kellhom jerġgħu jixhdu quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta (għajr għall-appellant li ma reġax xehed) minħabba li t-traskrizzjoni tad-depożizzjoni mogħtija minnhom quddiem l-Ewwel Qorti ma kinitx saret. Għal xi raġuni ma jirriżultax li d-depożizzjoni tax-xhieda li xehdu quddiem l-Ewwel Qorti ġiet rrekordjata u ovvjament anqas traskritta u dana kif jirriżulta minn Nota tar-Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminal (*a fol.* 73). Filwaqt li din il-Qorti tinnota li fis-sentenza appellata hemm sommarju li jidher li huwa estensiv ta' dak li qal kull xhud li xehed quddiem l-Ewwel Qorti, pero' kif diġa' ngħad l-appellant ma xehedx quddiem din il-Qorti u b'hekk din il-Qorti ma setgħetx tibbaża fuq is-sommarju tad-depożizzjoni mogħtija minnu quddiem l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha. Għandu jingħad li ma għandhiex tkun li xhieda li jkunu xehdu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati jkollhom jerġgħu jixhdu quddiem il-Qorti tal-Appell minħabba li ma tkunx ġietx rrekordjata d-depożizzjoni tagħhom u dana għal diversi raġunijiet li din il-Qorti diġà rrimarkat fuqhom f'sentenza mogħtija minnha fit-30 ta' Marzu 2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Brian Gilford** (Numru 248/2022/1).

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell imressaq mill-appellant Joseph Sultana, tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tiddikjara lill-appellant mhux ħati tal-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu u b'hekk tilliberah minn kull imputazzjoni, ħtija u piena.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**